MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 2/2012

**NICHOLAS CARUANA TURNER**

**Vs**

**MALTA FREEPORT TERMINALS LTD.**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2836 deciza mit-Tribunal Industrijali fit-18 ta' Jannar 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"Ic-Chairman:-*

*8.1 Ra n-nota tal-Avukata Sarah Sultana li tidher fis-sub artiklu 5.15.*

*8.2 Ra n-nota risponsiva tal-Avukat Joe Zammit Maempel li tidher fis-sub artiklu 5.2.3.*

*8.3 Iddecieda li jilqa' it- talba tal-Avukata Sarah Sultana kif tidher fin-nota*

*8.4 Jirrizulta mill-provi li:*

- *Il-kumpanija intimata mhix mistennija li tahzen capep biex meta jinqala' l-bzonn toffrihom lill-terzi li jaghmlu uzu mis-servizzi taghha.*

- *L-ordnijiet rilevanti tal-kumpanija intimata kienu jirrigwardaw il-projbizzjoni ghall-provvediment ta' capep lill-terzi barranin, ghas-sokor tac-capep biex dan ma jsirx, u wkoll ghall-arrangament kuntrattwali ma' terzi lokali biex l-iskart tal-hadid jingabar u jintrema' regolarment. Fi kliem ir-rikorrent stess, il-kumpanija intimata ma tipprovdix tali taghmir lill-terzi biex ikun evitat ir-riskju ta' konsegwenzi ghall-intrapriza li jistghu jirrizultaw minn xi incidenti.*

- *Meta wara spezzjoni tas-sit fil-bitha tal-port hieles fejn kienu jinzammu c-capep qabel jintremew, irrizulta li l-iskart ma kienx qieghed jinzamm imsakkar, inghataw ordnijiet lill-Kap tar-rikorrent biex l-ordni ghal sokor tkun segwitu.*

- *Ir-rikorrent bil-ghajnuna ta' Vincent Grima kien fost affarijiet ohra nkarigat li jigbor u jahzen ghal xi zmien f'post apposta, ic-capep li jaqghu fl-art lill hinn mill-moll fejn ikun qieghed isir trasbord, flimkien ma' skart ta' hadid iehor. Dan ix-xoghol kien jirrikjedix minnhom li spiss imorru fil-bitha tal-port hieles biex ihottu t-taghbija ta' capep u skart iehor tal-hadid li kienu jigbru waqt kull jum. Konsegwentement ir-rikorrent kien familjari sew mal-bitha tal-port hieles, u partikolarment mas-sit fejn kien jinzamm l-iskart kollu tal-hadid li kienu jigbru.*

- *Ir-rikorrent u Vincent Grima ma kinux semplicement jigbru c-capep li jaqghu lill hinn mill-moll waqt l-operazzjonijiet ta' trasbord, flimkien ma skart iehor tal-hadid, u jahznuhom ghar-rimi kif xehed ir-rikorrent. Skond Vincent Grima, huma kienu wkoll jaghzlu c-capep tajbin minn dawk hziena. Din l-ghazla bejn capep u capep ma taghmilx sens jekk wara*

*din l-ghazla ma jkunx hemm il-hsieb li c-capep tajbin jinhaznu ghal skop differenti minn dak ta' rimi. Konferma ta' dan tirrizulta wkoll minn xhieda li Vincent Grima ta fi stadju iehor meta qal li hu kien jaf li meta fl-imghoddi kien hemm nuqqas ta' cap0ep waqt operazzjonijiet ta' trasbord, l-impjegati tal-port hieles inkarigati minn operazzjonijiet ta' trasbord kienu jmorru fil-bitha tal-port hieles u jiehdu li jkollhom bzonn minn hemm biex juzawhom. Jirrizulta allura li minn zmien ghal iehor fil-bitha tal-port hieles kien ikun hemm capep li kienu tajbin, u li kienu jintuzaw mill-impjegati tal-kumpanija intimata bi skur tal-ordni rilevanti. Minkejja li r-rikorrent ma setax ma jkunx jaf bhal Vincent Grima li dan qieghed isir, ma ghamel xejn biex ikun evitat ir-riskju ta' konsegwenzi ghall-intrapriza li jistghu jirrizultaw Minn xi incidenti. Dan ghaliex ic-capep ma complex jinhaznu f'post imsakkar.*

- *Manwel Agius, impjegat tal-kumpanija Royal Med Shipping Limited stqarr li nhar l-24.05.10 ghall-habta tal-11.30am kien ordnat jakkwista bizzejjed capep biex ma tiqafx l-operazzjoni ta' trasbord tal-vapur CSL Marie, izda minkejja sensiela ta' kuntratti li ghamel ma rnexxilux isib fis-suq lokali t-taghmir li kien mehtieg. Sal-mument meta wasal fejn il-vapur CSL Marie fejn kien hemm Lorry Gatt, Philip Cilia, u xi ufficjal/I tal-ekwipagg, il-problema ta' nuqqas ta' capep kienet ghadha mhux rizolta.*

- *Meta aktar tard fl-istess jum ir-rikorrent flimkien ma Vincent Grima segwew dak li kienu mitlubin jaghmlu permezz tal-wireless, u waslu fuq il-moll fejn kien hemm sorgut il-vapur CSL Marie, hum sabu lil Lorry Gatt u Philip Cilia jistennewhom. Hemmhekk ir-rikorrent kien mistoqsi minn xi hadd jekk setax jipprovdihom "hafna jew balla capep", u r-rikorrent xehed li wiegeb li hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-problema li kellhom, li fil-port hieles ma kienx hemm capep, u li jekk riedu jinqdew kellhom jindirizzaw it-talba taghhom lir-rapprezentant tal-gadraj. Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent imkien ma qal li f'din it-twegiba tieghu lil min talbu c-capep zied jghidlu wkoll li anki kieku kellu capep li setghu jintuzaw, hu ma setax jissuplixxi capep kontra l-ordnijiet tal-kumpanija intimata. Hekk hu mistenni li jwiegeb impjegat tal-kumpanija intimata f'kariga gholja, li fost affarijiet ohra*

*kien responsabbli ghas-sokor tat-taghmir li l-provvediment tieghu lill-terzi kien projbit.*

- *Kien biss wara l-wasla tar-rikorrent u ta' Vincent Grima fuq il-moll fejn kien sorgut il-vapur, u wara li saret it-talba lir-rikorrent, li f'qasir zmien nstabu bizzejjed capep biex l-operazzjoni tat-trasbord titkompla u tintemm. Il-hin li ghadda bejn meta saret it-talba lir-rikorrent u l-kisba ta' sitt vjaggi capep, kien tant qasir li c-capep setghu inkisbu biss minn gewwa l-port hieles.*

- *Ir-rapprezentant tal-gadraj, Manwel Agius, meghjun minn numru ta' bahrin, ghamlu sitt vjaggi b'mitt cappa kull vjagg biex garrew bizzejjed capep bejn il-bitha fil-port hieles fejn kienu jinhaznu c-capep, tajbin u mhumiex, u l-moll fejn kien sorgut il-vapur CSL Marie. L-operazzjoni ta' trasbord intemmet meta tghabbew il-containers kollha. Jizzizulta allura li fil-bitha tal-port hieles kien hemm hazna ta' madwar tliet tunellati capep li ma setghetx tahrab l-iskrutinju tar-rikorrent u Vincent Grima fejn kienu jmorru kulljum fil-qadi ta' dmirijiethom. Ix-xhieda ta' Manwel Agius meta qal li r-rikorrent fehmu l-post fil-bitha tal-port hieles fejn seta' jmur biex jigbor ic-capep li kien hemm bzonn, kif ukoll il-konferma tal-istess xhieda waqt il0-konfront li kellu mar-rikorrent hi kredibbli.*

- *Fl-istess jum fi triqtu 'l barra mill-port hieles fi tmiem il-gurnata tax-xoghol tieghu, ir-rikorrent waqaf fuq il-moll fejn kien ghadu sorgut il-vapur CSL Marie, u staqsa jekk instabu bizzejjed capep ghall-vapur. Dan ghamlu biex jaccerta ruhu li l-vapur inqeda. Min wiegbu kkonfermalu li r-rapprezentant tal-gadraj kien ghamel numru ta' vjaggi biex wassal ic-capep fuq il-moll. Din ix-xhieda tikkonferma parti mix-xhieda rilevanti ta' Manwel Agius. Minn dan jidher li dak li xehdu r-rikorrent u Vincent Grima, meta qalu li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-vapuri, hlief ghal xoghol li jissejjah "out of gauge" – kliem li juri distakk komplet mill-problema li kienet tezisti, inbidel matul l-istess jum f'bizzejjed interess li sahansitra wara li spicca mix-xoghol rigwardanti l-operazzjoni ta' trasbord tal-vapur CSL Marie. Dan l-interess jikkonfliggi mad-distakk li ddikjara r-rikorrent meta wiegeb lill Lorry Gatt u Philip Cilia li hu ma*

*kellux x'jaqsam mal-problema li kien hemm ta' nuqqas ta' capep.*

- *Ix-xhieda ta' Adrian Baldacchino ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-telefonata li rcieva minghand ir-rikorrent meta staqsieh jekk kienx hu li gharraf lill-Ufficjali tal-kumpanija intimata bit-tranzazzjoni li kienet saret rigwardanti bejgh ta' capep, u li kienet korroborata minn Alex Montebello hi kredibbli. Ir-ripetizzjoni ta' din l-istess xhieda waqt il-konfront li x-xhud kellu mar-rikorrent ma naqset xejn mill-kredibilita tal-istess xhieda. Din it-telefonata tikkonferma li minkejja li allegatament ma kellu xejn x'jaqsam ma dak li gara, ir-rikorrent kellu bizzejjed interess biex jiskopri min gharraf lill-ufficjali tal-kumpanija intimata b'dak li sehh.*

- *Ghalkemm il-kontenut tal-messagg elettroniku tal-Kaptan tal-vapur jghid car li sar xiri ta' capep mill-port hieles, u xi hadd ha l-flus, ma ngibux provi ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal Industrijali li l-flus ircevihom u zammhom ir-rikorrent.*

- *Kull sehem ta' impjegat/i tal-kumpanija intimata fil-provvista ta' capep ghall-vapuri jammonta ghal ksur ta' l-ordni rilevanti ghal-kumpanija intimata b'riskji serji ghall-istess kumpanija.*

***9. Decizjoni***

*It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta konsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li:*

*9.1 Ir-rikorrent kellu s-sehem Ewlieni biex Manwel Agius sar jaf li fil-port hieles kien hemm bizzejjed capep li setghu jintuzaw bix titkompla l-operazzjoni ta' trasbord CSL Marie, u fejn kienu mahzun. Dan is-sehem jikkostitwixxi ksur tal-ordni rilevanti tal-kumpanija intimata li kienu maghrufa tajjeb mir-rikorrent.*

*9.2 It-temma tal-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.*

*Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax –il centezmu (€93.17)"*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta’ din id-decizjoni, l-appellanti Nicholas Caruana Turner preliminarjament iressaq l-aggravvju illi d-decizjoni impunjata naqqset milli tiddetermina l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta appellata u cioe’ illi r-rikorrenti kien gie imkecci peress illi ‘***immisapproprja twistlocks li mhumiex tieghu u biegh l-istess twistlocks lill-kaptan ta’ vapur***’, u dan bi kusr ta’ dak dispost fl-artikoli 23 u 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi imbaghad ighaddi biex jilmenta illi it-Tribunal ma ghamilx apprezzament tajjeb tal-provi migjuba quddiemu u li ibbaza d-decizjoni tieghu fuq fatti inezistenti u dana fiz-zewg aggravvji li isegwu. Finalment l-appellanti jallega vjolazzjoni tal-principju tas-smigh xieraq u dana meta jallega illi t-Tribunal injora ghal kollox ix-xhieda tieghu u l-provi imressqa minnu.

Illi s-socjeta appellanti tissolleva preliminarjament l-irritwalita ta’l-appell u dan billi tishaq illi l-aggravvji rimessi ghal gudizzju ta’ din il-Qorti ma humiex hlief tentattiv biex issir evalwazzjoni mill-gdid tal-provi mismugha mit-Tribunal, u dan bi ksur ta’ dak dispost fl-artikolu 82 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi appell minn decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali huwa ammissibbli jekk ikun fiha vjolazzjoni jew applikazzjoni falza ta’ punt jew principju ta’ dritt

u dana bi ksur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati, u mhux, sempliciment, kif inhu l-kaz ukoll hawnhekk, proponibbli f'kollegament mad-deduzzjoni illi t-Tribunal ma ghamelx indagini sewwa tal-kawza tal-licenzjament."** (App.Inf Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd deciza 23/05/2008)

Illi l-appellanti fl-ewwel aggravvju minnu sollevat ma jattakka l-ebda punt ta' dritt imqanqal fid-decizjoni impunjata, izda jilmenta mill-fatt illi t-Tribunal naqas milli jiddeciedi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta appellanti illi huwa kien '***immisapproprja twistlocks li mhumiex tieghu u biegh l-istess twistlocks lill-kaptan ta' vapur***'. Illi l-Qorti tistqarr illi dan l-aggravvju jirrazenta il-fieragh mhux biss ghaliex fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali ma tigix ipprezentata nota ta'l-eccezzjonijiet, izda dikjarazzjoni tal-kaz b'risposta ghal dik imressqa mir-rikorrenti, izda ukoll ghaliex fid-decizjoni impunjata hemm rassenja ta' konsiderazzjonijiet dwar dan il-fatt allegat mill-kumpanija appellata. Mill-apprezzament dettaljat maghmul, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni illi ghalkemm ma kienx hemm provi sufficjenti fl-atti sabiex jindikaw illi l-appellanti kien direttament involut fl-innegozjar tac-capep jew *twistlocks* tal-*containers* u li ghamel xi qliegh mill-bejgh ta'l-istess, madanakollu seta' jikkonstata illi huwa kien kiser l-ordnijiet espressament moghtija lilu mis-superjuri tieghu illi ma jistghux jigu ipprovduti capep lil terzi barranin minn gewwa il-port hieles kemm versu korrispettiv kif ukoll minghajr hlas. Illi l-ordni kienet illi dawn ic-capep tal-*containers* li jithallew l-art mill-bastimenti merkantili kellhom jingabru f'kontenituri appoziti u jintremew bhala

skart goff u ghalhekk ma setax isir uzu mod iehor minnhom. Ta’ dan kien responsabbli hadd hlief l-appellanti fil-kariga tieghu ta’ Assistant Operations Manager. Illi t-Tribunal wara li ezamina l-atti kollha tal-kaz ghazel li ma jaghtix affidament lix-xhieda tal-appellanti u l-provi migjuba minnu illi huwa ma kienx involut fil-provvista ta’ capep ghall-vapur CSL Marie meta din inqalghetilha problema li ma setatx tghabbi u taghlaq il-*containers* taghha billi kellha capep nieqsa, u, allura kien sodisfatt mill-involviment tal-appellanti fil-provvista ta’l-istess capep ghalkemm ma kienx hemm provi konklussivi li jindikaw illi huwa kien ghamel negozju minnhom. It-Tribunal ghalhekk fil-konsiderazzjonijiet minnu maghmula dwar ir-raguni ghat-tkeccija kif esposta mis-socjeta appellata fir-risposta taghha, kien tal-fehma illi kien hemm raguni valida ghat-tkeccija meta ikkonkluda wara li wizen il-provi mismugha illi:

“***Ghalkemm il-kontenut tal-messagg elettroniku tal-Kaptan tal-vapur jghid car li sar xiri ta’ capep mill-port hieles, u xi hadd ha il-flus, ma ngibux provi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal Industrijali li l-flus ircevihom u zammhom ir-rikorrent.***”

Izda kompla:

“***Kull sehem ta’ impjegat/i tal-kumpanija intimata fil-provvista ta’ capep ghall-vapuri jammonta ghal ksur ta’l-ordni rilevanti tal-kumpanija intimata b’riskji serji ghall-istess kumpanija.***”

Huwa evidenti minn din l-parti dispositiva tad-decizjoni illi it-Tribunal qies “l-eccezzjoni” imressqa ‘il quddiem mis-socjeta appellanti u kwindi l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Illi l-aggravvji l-ohra huma kollha diretti lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal u dan meta l-appellanti jilmenta illi t-Tribunal ibbaza id-decizjoni

tieghu fuq fatti inezistenti, illi injora il-provi u ix-xhieda imressqa mill-appellanti u li ta affidament lix-xhieda tas-socjeta appellanti li kienet konfliggenti.

**"Hi disposizzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 36 (14) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, illi principal jista' jillicenzja impjegat tieghu ghal "raguni tajba u bizzejjed" u dan bla htiega ta' preavviz u minghajr obbligu ta' hlas. Minn dan tohrog ir-regola generali li tkeccija mill-impjieg ma tistax issehh hlief ghal raguni valida. Naturalment, ma' din ir-regola hi akkoppjata dik ir-regola l-ohra li, una volta accertata l-illegittimita tat-tkeccija, lill-impjegat ghandu jinghata rizarciment f' forma ta' kumpens. Indubbjament, "ir-raguni tajba u bizzejjed" li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta' l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta' impjieg. Ragonevolment, imbaghad, l-accertament ta' dawk l-elementi ta' fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta' l-espressjoni suddetta hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta' revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici. Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravvizat f' dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b' riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport." (Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited Appell Inferjuri deciza 30/04/2008.)**

Arginati ghalhekk l-aggravvji imressqa mill-appellanti f'dan l-insenjament guridiku u legali, huwa bil-wisq evidenti illi gjaldarba ma hemm l-ebda lanjanza dwar l-applikazzjoni skorretta tad-dritt in materja ta' licenzjament, izda biss kritika lejn il-valutazzjoni tal-provi maghmula mit-Tribunal, din il-Qorti hija issa prekluza milli tezamina l-fatti li sawwru l-gudizzju tat-Tribunal *ex novo*. Illi t-Tribunal ibbaza l-konvinciment tieghu fuq diversi provi cirkostanzjali lil hinn minn dak dikjarat mill-partijiet fosthom illi l-appellanti kien jaf illi kien hemm hazna ta' capep gewwa il-port hieles u fejn din kienet tinsab, dan ghaliex il-gbir

ta’ capep li kienu jithallew fuq il-moll mill-bastimenti u l-hazna taghhom sakemm il-kumpanija kienet tiddisponi minnhom bhala skart, kienet fdata f’idejn l-appellanti. Illi ghalkemm l-appellanti jistqarr illi meta gie affaccjat b’din il-problema illi kellu il-vapur CSL Marie huwa kien hasel idejh minnha billi ma setax jipprovdi dawn ic-capep minn dawk li kien hemm mahzuna gewwa il-port hieles, madanakollu jidher illi Manuel Agius li kien impjegat mas-socjeta Royal Med Shipping Limited il-gadraj tal-vapur, kien irnexxielu jakkwista kwantita kbira ta’ capep, sitt mija b’kollox, tant illi dawn twasslu permezz ta’ sitt vjeggi f’hin qasir tant illi dawn ma setghux hlief gew akkwistati minn gewwa l-port hieles stess iktar u iktar tenut kont tad-dikjarazzjoni ta’ Agius illi huwa ma kienx irnexxielu isib jixtrihom minn barra l-port. Kwindi it-Tribunal qies illi kien ghadda zmien qasir wisq bejn il-mument meta gie avvicinat l-appellanti rigward din il-problema u il-provvista tac-capep sabiex dawn ingiebu minn post iehor jekk mhux minn gewwa l-port hieles. Dan stabbilit allura, billi l-appellanti kien il-bniedem responsabbli ghaz-zamma ta’ dawn ic-capep bhala skart goff fil-Port, ma setax ma ikunx a konoxxenza tal-fatt illi fil-bitha tal-port hieles kien hemm hazna ta’ madwar tlett tunnellati capep u li t-trasport taghhom mill-bitha lejn il-vapur ma setatx tahrab mill-iskrutinju tieghu. Fuq kollox mix-xhieda tal-assistent tieghu Vincent Grima jirrizulta illi kien hemm okkazzjonijiet precedenti fejn agenti ta’ vapuri kienu thallew jiehdu xi capep li kien intrema’ ma’ dan l-iskart goff, meta kien ikollhom xi capep neqsin, haga li kienet ipprojbita milli issir. Ukoll il-fatt illi fi tmiem tal-gurnata tax-xoghol tieghu l-appellanti wera interess li jieqaf fuq il-moll sabiex jistaqsi jekk il-vapur kienx sab bizzejjed capep sabiex isir it-trasbord u jitghabbew il-*containers,* huwa konfliggenti man-nuqqas ta’ interess li jallega illi wera precedentement meta gie avvicinat b’din il-problema. Illi ghalhekk rinfaccjat b’dawn il-provi cirkostanzjali u ohrajn li kollha kienu qed jindikaw l-involviment tal-appellanti f’din il-kwistjoni, it-Tribunal wasal ghal konkluzjoni illi kien l-appellanti li indika lil Agius minn fejn huwa seta isib ic-capep li kellu

bzonn u dan bi ksur tad-doveri tieghu u tal-ordnijiet moghtija lilu mill-kumpanija appellata illi mill-port hieles ma setatx issir provvista ta’ capep lill-bastimenti.

Illi l-Qorti allura ma tistax ma tosservax illi minn impjegat f’kariga gholja bhal dik okkupat mill-appellanti hija mistennija imgieba korretta u ezemplari li taghti affidament lil-hidma tieghu iktar u iktar fejn huwa ghandu ir-responsabbilita tas-sub-alterni. Ma jistax allura l-appellanti jonqos minn dik il-fiducja vestita fih mis-superjuri tieghu li fdaw fih u fil-kapacitajiet tieghu it-tmexxija tas-settur li jaqa’ fil-mansjonijiet tieghu. Mgieba skorretta li mhijiex soretta minn ebda gustifikazzjoni valida bhal kif gara fil-kaz odjern ma tistax twassal hlief ghas-sanzjoni tal-licenzjament.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ikunu ghak-karigu ta’l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------